# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 8 ta' Ġunju 2020**

**Talba numru 439/2018SFJ**

***JOHN MUSCAT (510957M) U LUIGIA MUSCAT (183458M)***
***VS.***
***LEONARD CUTAJAR (557278M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-4 ta' Settembru 2018 li permezz tiegħu l-atturi ippremettew u talbu:

*"1. Illi John u Luigia konjuġi Muscat huma sidien ta' vettura tal-marka Toyota Vitz ta' lewn silver bin-numru ta' reġistrazzjoni HBN503.*

*2. Illi fil-11 ta' Mejju tas-sena 2017 il-vettura kienet ipparkjata fi Triq Fonzu Gauci ġewwa ż-Żurrieq quddiem il-bieb li jġib in-numru 2 bl-isem Speranza.*

*3. Illi l-għada filgħodu u ċioe fit-12 ta' Mejju 2017, John u Luigia marru għall-vettura li kienet tinsab ipparkjata ftit 'l hemm mit-triq fejn jirrisjedu u sabu l-vettura b'numru ta' ħsarat fosthom b'daqqa fuq is-saqaf b'konsegwenza li ġie mgħattan 'l isfel, grif mal-mudguard ta' wara tan-naħa tal-lemin, kif ukoll grif mal-bieba ta' wara tan-naħa tal-lemin. Jirriżulta li l-vettura kienet ipparkjata man-naħa xellugija tagħti għal fuq il-bankina u tmiss ma' ħajt tad-dar li ġġib in-numru 2, Speranza fi Triq Fonzu Gauci fiż-Żurrieq liema inċident sar rapport dwaru mal-Pulizija Eżekuttiva taż-Żurrieq hawn anness u mmarkat dokument A.*

*4. Illi bħala konsegwenza tat-traskuraġni tal-konvenut Leonard Cutajar illi aktar tard irriżulta li ħalla tank fit-tarf taċ-ċint tal-bejt l aktar tard għeleb u kkawża dawn id-danni, il-vettura tar-rikorrenti ġarrbet ħsarat konsiderevoli hekk illi qed tiġi annessa l-istima tal-ħsarat immarkata dokument B.*

*5. Illi b'riżultat ta' dan l-istess inċident l-esponenti sofrew danni konsiderevoli billi fost affarijiet oħra, il-vettura numru HBN503 proprjetà tagħhom ġarrbet ħsarat kbar, dan kollu kif sejjer jiġi ampjament ippruvat waqt is-smigħ tal-kawża; oltre dan l-attur qed isofri spejjeż relatati ma' loss of use u garaging expenses.*

*6. Illi l-intimat għalkemm interpellat sabiex jaddivjeni għall-likwidazzjoni u ħlas tad-danni ddeċieda li jibqa' inadempjenti.*

*7. Illi dawn il-fatti huma magħrufa personalment lill-esponenti.*

*8. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu għar-raġunijiet premessi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:*

*i. Jiddikjara l-konvenut unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni u d-danni relattivi minħabba traskuraġni u negliġenza kif premess;*

*ii. Jillikwida d-danni sofferti mill-esponenti okkorrendo permezz ta' periti nominandi jekk ikun il-każ; u*

*iii. Jikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk illikwidata in linea ta' danni flimkien mal-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tat-12 ta' Ġunju 2018.*

*Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 12 ta' Ġunju 2018 kontra l-intimat li jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni.*"

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fl-4 ta' Ottubru 2018 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

"*L-intimat b'ebda mod jista' jitqies responsabbli għall-ħsara reklamata mir-rikorrenti. Speċifikament huwa ma ħalla ebda tank tal-ilma "fit-tarf taċ-ċint tal-bejt" kif qiegħed jiġi allegat.*"

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tat-12 ta' Frar 2020 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-18 ta' Marzu 2020.

**<u>Provi ippreżentati</u>**

Fl-udjenza tal-20 ta' Marzu 2019 xehed l-attur **John Muscat**. Taħt ġurament u bl-ilsien Malti, huwa spjega li nhar il-11 ta' Mejju 2017 fit-8:30 ta' filgħaxija, huwa kien ipparkja l-vettura relattiva fi Triq Fonzu Gauci fiż-Żurrieq. Meta l-attur ġie biex juża l-vettura l-għada filgħodu, huwa sab li s-saqaf tagħha kien ġie mgħaffeġ, kif ukoll il-bieba. Meta ra dan, l-attur u martu marru jagħmlu rapport fl-għassa tal-pulizija. Uffiċjal tal-pulizija mill-għassa mar mal-attur ħdejn il-karozza, ħabbat il-bieb tar-residenza li kienet ħdejn il-karozza u fetħet mara. Il-pulizija staqsa lil din il-mara x'kien ġara tul il-ġurnata preċedenti. F'dan il-punt, ix-xhud iċċara li huwa seta' jisma dak kollu li ntqal għax kien viċin tal-karozza. Din il-mara qalet lill-pulizija li l-ġurnata ta' qabel kien waqa' xi tank u mbagħad sejħet lil binha. Minnufih, il-pulizija nforma lix-xhud li din il-mara kienet qaltlu li kien waqa' tank.

Ix-xhud stqarr li ma kienx jaf l-isem tal-mara iżda kien jaf li binha kien Leonard Cutajar u li seta' jagħraf lil dan Leonard Cutajar fl-awla.

Matul l-istess udjenza xehdet **Luigia Muscat**. Taħt ġurament u bl-ilsien Malti, hija essenzjalment irrepetiet dak li kien qal żewġha u żiedet tgħid li l-uffiċjal tal-pulizija nfurmahom li l-mara li huwa kien kellem kienet qaltlu li t-tank li kien waqa' kien tank tqil u kbir. Ix-xhud ippreżentat numru ta' ritratti (dokument LM1 [fol. 25 sa 34]) u qalet li dawn ittieħdu minn uffiċjal tal-pulizija. Hija żiedet tgħid li l-pulizija involuti kienu PC420 u PC747. Mid-data tal-inċident 'il quddiem, l-atturi inkarigaw *surveyor*. Muscat ikkonfermat li Leonard Cutajar kien preżenti fl-awla. Fix-xhieda tagħha hija wkoll indikat li l-ħsara kienet fis-saqaf u fil-bieba.

Fl-udjenza tal-5 ta' Ġunju 2019 xehed **PC747 Ryan Cini**. Taħt ġurament u bl-ilsien Malti, Cini qal li fit-12 ta' Mejju 2017, waqt li kien xogħol filgħodu, mar fl-għassa taż-Żurrieq l-attur John Muscat li qal li kien sab xi ħsarat fil-vettura tiegħu, HBN503, fi Triq Fonzu Gauci. Cini kompla jgħid li flimkien ma' PC420, huwa mar fuq il-post u ra li l-vettura kellha ħsarat li jinkludi daqqa fuq is-saqaf tal-vettura bil-konsegwenza li ġie mgħattan 'l isfel, grif mal-*mudguard* ta' wara man-naħa tal-lemin u girfa mal-bieba ta' wara tan-naħa tal-lemin. Ma kienx hemm *cameras* fuq il-post. Cini qal li flimkien mal-kollega tiegħu, ħabbat l-aktar residenza fil-viċin għax it-tnejn ħasbu li seta' waqa' xi ħaġa. Fetħet il-bieb Marianna Cutajar li qaltilhom li kien waqa' tank tal-ilma. Cini ppreċiża li Marianna Cutajar kienet qalet li hi kienet qed taħseb li t-tank waqa' mir-residenza ta' binha, Leonard Cutajar. Wara dan, iż-żewġ uffiċjali tal-pulizija marru jħabbtu d-dar tal-konvenut Leonard Cutajar u fetħilhom Julian Cutajar, jiġifieri iben il-konvenut. Leonard Cutajar informa lill-pulizija li l-ġurnata ta' qabel, jiġifieri fil-11 ta' Mejju 2017, huwa ma kienx id-dar. Ġara iżda li fil-preżenza ta' missieru, il-minuri Julian Cutajar informa lill-pulizija għall-ħabta tal-għaxra ta' bil-lejl fil-11 ta' Mejju 2017, huwa kien f'kamartu u sema' ħoss. Meta ħareġ jittawwal mit-tieqa, ra t-tank tal-ilma fit-triq. Ma kienx ra t-tank jaħbat ma' oġġetti. Imbagħad, Julian mar jiġbor it-tank mit-triq tal-faċċata, jiġifieri Triq San Pawl. Leonard Cutajar imbagħad ħa liż-żewġ pulizija fil-garaxx fejn dawn setgħu jaraw it-tank u ħadu xi ritratti. Leonard qalilhom li t-tank kien inġabar mit-triq.

Cini kompla jippreċiża li fuq it-tank ma rax daqqiet, iżda ra xi ħaġa qisha ħama li dehret li telgħet 'il fuq mat-tank u inoltre, kien hemm xi taqtir fuq il-karozza relattiva.

Matul l-istess udjenza xehed **PC420 John Farrugia**. Dan essenzjalment xehed kif xehed il-kollega tiegħu iżda żied li Leonard Cutajar kien qalilhom li l-ħsara fis-saqaf tal-vettura HBN503 kienet għax forsi xi persuna mhux magħrufa kienet qabżet fuq is-saqaf tal-vettura. Dwar it-taqtir, PC420 xehed li l-ħama jew *residue* li kienet fit-tank kienet simili għall-qtar li kienu jinsabu fuq il-vettura. Hu qal ukoll li Marianna Cutajar kienet qaltilhom li dak il-lejl kien qam ħafna riħ.

Fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2019 reġa' xehed l-attur **John Muscat**, prodott mill-konvenut in eżami. Relattivament għall-parti tal-Avviż tat-Talba fejn kien qal li t-tank li waqa' kien sitwat fit-tarf ta' xi ċint tal-bejt, huwa xehed li huwa ma kien ra ebda tank tal-ilma f'xi tarf ta' xi bejt. Fil-kontro-eżami, ix-xhud ikkonferma li huwa kien ra biss il-ħsara fuq il-vettura tiegħu.

Fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2019 xehed il-konvenut **Leonard Cutajar**. Bil-Malti u taħt ġurament, huwa qal li joqgħod fl-indirizz "*Mayflower*", Triq Fonzu Gauci, Żurrieq. Huwa qal li fil-lejl in kwistjoni, huwa kien Ħal Safi, mhux iż-Żurrieq. Cutajar spjega li t-tank tal-ilma żgur ma kienx fix-xifer tal-bejt iżda fuq in-naħa ta' wara. Madankollu, huwa għaraf li t-tank li waqa' kien tiegħu u li kien l-istess tank li nġabar mit-triq.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

i. *<u>Ir-responsabilità għall-inċident relattiv</u>*

Il-provi huma ċari fis-sens li l-konvenut ma ċaħadx (anzi kkonferma) li t-tank tal-ilma oriġina mill-bejt tiegħu. Għalkemm huwa saħaq li ma kien ħalla ebda tank fix-xifer tal-bejt, huwa ċar li b'xi mod, dan it-tank inqala' minn fejn kien u spiċċa waqa' fuq il-vettura proprjetà tal-atturi bir-riżultat li għamel xi ħsara.

It-Tribunal jagħmel pjena referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***David Brincat et vs. Francis Sammut et*** (deċiża mill-Prim' Awla fit-28 ta' Ġunju 2016), li tittratta dwar il-ħtija akwiljana:

> "*Ghas-success ta' azzjoni bhal dik de quo, hemm il-htiega li l-atturi konkretamentjistabblixxu u jipprovaw, fil-grad rikjest mill-ligi f'kawzi simili, tlett ingredjenti fundamentali b'mod kumulattiv ossija:*
>
> *i. fl-ewwel lok, li kien hemm kondotta kolpuza tal-konvenuti li tirradika l-htija ai termini tad-disposizzjonijiet pertinenti tal-Kodici Civili;*
> *ii. fit-tieni lok, li jaghtu prova tal-hsara minnhom subita u tali prova ghandha tkun materjali u konkreta; u*
> *iii. fit-tielet u l-ahhar lok, li jirnexxielhom jorbtu l-ewwel punt mat-tieni wiehed tramite ness ezjologiku ta' kawzalita, li jfisser li kienet il-kondotta kwazi-delittwuza tal-konvenuti li direttament kkagunat is-sinistru (hsarat lamentati).*
>
> *Illi huwa pacifikament assodat illi biex Qorti ssib htija u responsabbilita fil-kondotta ta'ndividwu, u sussegwentement dan jigi kkundannat jindennizza lid-danneggjat fl-ambitu tal-kolpa extra-kontrattwali (senjatament fil-kwazi-delitti fejn hemm mankanti d-dolo), dak l-aspett li ghandu jigi ezaminat huwa l-kondotta materjali li l-allegat danneggjant assuma. Tali kondotta tista' tkun kemm kommissiva u kemm ommissiva. Hu dan il-komportament li ghandu jigi dettaljatament valutat, sabiex fih jigu ritraccjati, inter alia, jekk kienx hemm xi mankanzi fid-dover ta' hsieb, prudenza u diligenza ta' bonus paterfamilias, jew ezistenza ta' negligenza fid-doveri imposti mill-ligi, jew ta' traskuragni, sfrontatezza jew imprudenza li tikkostitwixxi att jew fatt illecitu rizarcibbli.*
>
> *Illi hi disposizzjoni esplicita tal-Kodici Civili li f'materja ta' danni akwiljani "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" (artikolu 1031). L-istess Kodici jissokta jippreciza illi l-htija tissussisti f'min "ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (artikolu 1032(1)). Addizzjonalment hu maghruf, sija fid-duttrina u sija fil-gurisprudenza patria, li biex ikun hemm lok ghad-danni hu mprexxindibilment mehtieg li, apparti l-prova tad-dannu arrekat, fl-ewwel lok jkun hemm htija u li d-dannu u l-htija jkunu interkonessi intimament b'ness kawzattiv. Issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet* ***Charles Gauci et vs. Maria Borg Mizzi et noe*** *(PA 25/11/2004) fejn nsibu li, "Fil-kaz fejn persuna tallega li tkun garrbet hsara minhabba l-ghemil jew l-omissjoni tal-parti l-ohra, jehtieg li min jallega li garrab dannu jehtieg jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta ta' dak l-ghemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mgarrba huma l-effett konsegwenzjali ta' dak l-ghemil jew ta' dik l-omissjoni".*"

It-Tribunal itenni li l-konvenut ammetta li t-tank relattiv kien tiegħu. Huwa ovvju li b'xi mod, dan it-tank, anki jekk ma kienx fit-tarf tal-bejt kif allegaw l-atturi, ma baqax fejn kien u spiċċa waqa' fuq il-vettura HBN503 bir-riżultat li għamel il-ħsara lil dik il-vettura. Il-loġika tiddetta li anki jekk attwalment ħadd ma ra t-tank jaqa', dan it-tank ma kienx imwaħħal sewwa fejn kellu jkun. Kieku kien imwaħħal sewwa, ma kienx jiċċaqlaq minn fejn kien. Oltre dan, ġie kkonfermat li l-ħama li kien hemm fit-tank kienet simili ħafna għall-ħama li nstab fuq il-vettura u b'hekk hemm rabta bejn il-waqgħa tat-tank u d-danni kkawżati fil-vettura.

Huwa ċar ukoll li l-atturi taw prova ċara tal-ħsara subita. Hemm diversi ritratti tal-vettura HBN503 b'daqqiet fis-saqaf u f'postijiet oħra, liema ħsarat ġew osservati mill-uffiċjali tal-pulizija li tressqu biex jixhdu.

Hekk, il-kriterji kumulattivi deskritti mill-Prim' Awla fis-sentenza ċitata huma sodisfatti u t-Tribunal ma jsibx diffikultà jiddikjara li huwa l-konvenut li jġorr ir-responsabilità ċivili għal dan l-inċident.

*ii.* <u>*Il-kwantifikazzjoni tad-danni subiti*</u>

L-atturi talbu lit-Tribunal sabiex "*jillikwida d-danni sofferti mill-esponenti*".Għalkemm l-atturi ma tawx indikazzjoni tal-ammont pretiż minnhom fl-Avviż tat-Talba nnifsu, jirriżulta mill-istima annessa mal-Avviż tat-Talba (fol. 6 u 7 tal-proċess) li l-atturi qegħdin jallegaw li sofrew danni li jammontaw għal erbat elef u

mitejn u wieħed u għoxrin Ewro u tletin ċenteżmu (€4,221.30). Din l-istima kienet maħruġa fis-16 ta' Mejju 2018 u huwa indikat b'mod ċar fl-istima li din hija valida biss għal tletin ġurnata, jiġifieri sa nofs Ġunju 2018. Meta nfetħet din il-kawża f'Settembru 2018, l-istima kienet ilha iktar minn xahrejn li skadiet.

Għalkemm l-istima ma ġietx ikkonfermata taħt ġurament, lanqas ma jirriżulta li din ġiet effettivament ikkontestata mill-konvenut. Għalhekk, għalkemm l-istima kienet annessa mal-Avviż tat-Talba u għalhekk il-konvenut kien ġie innotifikat biha, dan lanqas biss ressaq eċċezzjoni sabiex jikkontesta l-*quantum* kif kien jidher mill-istima! Inoltre, fil-kontro-eżamijiet, ma saru ebda domandi lill-atturi dwar l-istima u dwar kif dawn waslu għall-ammont hemm indikat. Kien biss fl-istadju tat-trattazzjoni li saru referenzi għall-istima.

It-Tribunal ma jħossx li jista' jattribwixxi lill-istima l-istess saħħa li kien ikollha kieku din kienet *statement* aġġornat ta' ħsarat u kieku din kienet riċevuta fiskali li tiddettalja xogħlijiet li attwalment kienu saru. L-atturi ma jistgħux jippretendu li dan it-Tribunal iqis l-istima daqs li kieku kienet fattura dettaljata ta' xogħlijiet li attwalment ikunu saru. Min-naħa l-oħra, it-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt li l-vettura relattiva sofriet ħsarat u li ġie ikkonstatat li huwa l-konvenut li jaħti għas-sinistru relattiv.

It-Tribunal jikkonsidra s-segwenti:

1. L-attur ma xehedx u ma kkonfermax jekk il-vettura kinitx issewwiet sas-smigħ tal-kawża jew matul is-smigħ tal-kawża.

2. Jekk il-vettura ssewwiet, ma ġiet ippreżentata ebda riċevuta fiskali.

3. Il-persuna li għamlet l-istima ma ttellgħetx tixhed sabiex tikkonferma dak kollu li ġie mqiegħed fiha. Lanqas biss xehed is-*surveyor* sabiex jgħid taħt ġurament xi ħsarat instabu.

4. L-istima tinkludi tnax-il ġurnata *car rental* bir-rata ta' €18.00 kull ġurnata. Madankollu, l-attur ma kkonfermax li l-vettura tant kellha ħsara li kellu jikri vettura oħra. Fi kwalunkwe każ, it-Tribunal jistaqsi għaliex tnax-il ġurnata. Dan kien il-perjodu li damet il-vettura tal-attur biex tissewwa? Jekk iva, fejn hi r-riċevuta? Jekk le, fuq liema bażi l-attur iddeċieda li jikri għal tnax-il ġurnata? Ir-ritratti ma jindikawx li l-ħsara kienet tant li l-vettura ma setgħetx tinstaq (ara fol. 50 sa 53). M'hemmx għalfejn wieħed ikun espert sabiex jara li l-vettura setgħet tinstaq nonostante n-nuqqas ta' xhieda fir-rigward ta' dan il-punt min-naħa tal-attur.

5. Din il-vettura ġiet irreġistrata fis-sena 2013 u għalhekk issa għandha seba' snin. Għalhekk hemm dubju kemm vettura *Toyota Vitz* tista' tiswa aktar mill-istima li ngħatat u għalhekk, fl-opinjoni tal-ġudikant, din l-istima hija minfuħa.

6. Il-*parts* indikati huma *parts* ġodda meta fil-fatt, l-attur seta' jsib prezzijiet orħos fid-dawl tal-fatt li l-vettura m'hix ġdida, anzi għandha seba' snin.

7. Eċċessiva hija l-istima, per eżempju, ta' *headlining*, ta' parti mill-*antenna* u "*RR DOOR*" li m'hemm ebda indikazzjoni ta' x'inhi eżattament, meta diġà kien ġie indikat "*RHR Door handle*".

8. L-attur kellu jressaq is-*surveyor* sabiex jixhed u jindika għaliex dawn il-*parts* kollha kellhom ikunu mibdula u għaliex il-ħsara ma setgħetx tiġi msewwija sempliċement bis-servizzi ta' *panel beater*. Jista' jkun li l-attur jippretenda li kollox ikun ġdid u li jagħżel l-aħjar għall-vettura tiegħu.

Dwar l-aħħar punt hawn magħmul, it-Tribunal jirreferi għas-sentenza ***<u>Joseph Azzopardi vs. Carmelo sive Charles Zammit Farrugia</u>***, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Novembru 2002. Il-qorti qalet li l-attur (f'dik il-kawża) kien intitolat għal *parts* oriġinali billi ma kien hemm "*ebda dubju li hija karozza miżmuma fi stat impekkabbli*". Għall-kuntrarju, f'din il-kawża r-rikorrent ma ressaq ebda prova dwar l-istat ordinarju tal-vettura tiegħu! Assolutament mhux magħruf x'kien l-istat tal-vettura tar-rikorrent qabel seħħ is-sinistru relattiv. Għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrent ma kellux dritt jesiġi *parts* kompletament ġodda b'tali mod li l-vettura tispiċċa f'kundizzjoni aħjar minn dik li kienet fiha qabel l-inċident.

Kull ma ghandu t-tribunal huwa ritratt,l-istess ritratt, a fol 33 u 34. Ritratt li ma jindikax ezatt l-istat tal-vettura peress illi l-vettura fir-ritratt ma hiex vicin izda tinsab 'l boghod.

Għalhekk, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn magħmula, it-Tribunal qiegħed jistabbilixxi l-ammont ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) *ex aequo et bono* bħala l-ammont li għandu jkunu pagabbli lill-atturi.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal, wara li qara l-atti, sema' ix-xhieda, ra d-dokumentazzjoni ippreżentata u sema' t-trattazzjonijiet relattivi, jaqta' u jiddeċiedi billi:

i. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara lill-konvenut responsabbli għas-sinistru relattiv;

ii. Jillikwida l-ammont ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) *in linea* ta' danni sofferti mill-atturi;

iii. Jordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi s-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) bl-imgħaxijiet li għandhom ikunu ikkalkulati b'rata li ma teċċedix l-ogħla rata permessa mill-liġi mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba; u

iv. Jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba fejn intalbu l-ispejjeż ta' xi ittra uffiċjali billi ma ġiet ippreżentata ebda prova li kienet saret xi ittra uffiċjali.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**